**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Mejju, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 1139/2003 AF**

**Lombard Bank Malta p.l.c**

**vs**

**Rita Debono u b'digriet tal-Qorti tal-20 ta' Novembru 2003 gew nominati Dr. Tonio Azzopardi u l-PL Veronica Rossignaud bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil zewgha Michael Debono assenti minn Malta**

**u**

**B'digriet tal-Qorti tas-7 ta' Ottubru 2010, il-Qorti ordnat illi kunjom il-konvenuta issa jrid jaqra "Saber Hamam" u dan wara l-annullament taz-zwieg taghha**

Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni tal-bank attur li permezz tagħha wara li ġie premess illi:

Il-Bank attur permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa li jgib id-data tal-10 ta' Dicembru 1999 li kopja legali tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "A" ikkonceda lill-konvenuti Michael u Rita konjugi Debono facilità ta' self, u l-istess konjugi Debono ggarantew l-hlas lura tal-imsemmi facilità b'mod solidali permezz ta' ipoteka generali fuq hwejjighom kollha prezenti u futuri, kif ukoll Rita Debono ikkostitwiet ipoteka specjali fuq il-fond fil-Gzira skond kif ahjar deskritt fl-imsemmi kuntratt liema fond jappartjeni l-proprjetà parafernali taghha.

Il-konvenuti nghataw ukoll facilità ta' kont kurrenti skond applikazzjoni ffirmata minnhom it-tnejn li kopja awtentikata hija hawn annessa u mmarkata Dok. "B".

In forza ta' dawn il-facilitajiet l-imsemmija konvenuti sselfu flus minghand il-Bank attur u ghandhom debitu bilancjali komplessiv favur l-istess Bank attur ta' sbatax-il elf, disa' mija u tnax-il Lira Maltin, erbgha u hamsin centezmi (Lm17,912.54) skond tlett "statements" hawn annessi u mmarkati Dok. "C", Dok "D" u Dok. "E" bl-interessi kkalkolati sat-23 ta' Settembru tas-sena 2003 oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-24 ta' Settembru tas-sena 2003 sad-data tal-pagament effettiv.

Ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu anke ufficjalment, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Jigu solidalment ikkundannati sabiex ihallsu lill-Bank attur s-somma ta' sbatax-il elf, disa' mija u tnax-il Lira Maltin, erbgha u hamsin centezmi (Lm17,912.54) skond tlett "statements" hawn annessi u mmarkati Dok. "C", Dok "D" u Dok. "E" bl-interessi kkalkolati sat-23 ta' Settembru tas-sena 2003 oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-24 ta' Settembru tas-sena 2003 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali li ggib id-data tas-7 ta' Marzu 2003 u bl-imghaxijiet legali mill-24 ta' Settembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv kontra il-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni tal-bank attur maħlufa minn Alexander Cutajar li kkonferma illi:

Il-Bank attur permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa li jgib id-data tal-10 ta' Dicembru 1999 li kopja legali tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "A" ikkonceda lill-konvenuti Michael u Rita konjugi Debono facilità ta' self, u l-istess konjugi Debono ggarantew l-hlas lura tal-imsemmi facilità b'mod solidali permezz ta' ipoteka generali fuq hwejjighom kollha prezenti u futuri, kif ukoll Rita Debono ikkostitwiet ipoteka specjali fuq il-fond fil-Gzira skond kif ahjar deskritt fl-imsemmi kuntratt liema fond jappartjeni l-proprjetà parafernali taghha.

Il-konvenuti nghataw ukoll facilità ta' kont kurrenti skond applikazzjoni ffirmata minnhom it-tnejn li kopja awtentikata hija hawn annessa u mmarkata Dok. "B".

In forza ta' dawn il-facilitajiet l-imsemmija konvenuti sselfu flus minghand il-Bank attur u ghandhom debitu bilancjali komplessiv favur l-istess Bank attur ta' sbatax-il elf, disa' mija u tnax-il Lira Maltin, erbgha u hamsin centezmi (Lm17,912.54) skond tlett "statements" hawn annessi u mmarkati Dok. "C", Dok "D" u Dok. "E" bl-interessi kkalkolati sat-23 ta' Settembru tas-sena 2003 oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-24 ta' Settembru tas-sena 2003 sad-data tal-pagament effettiv.

Ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu anke ufficjalment, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet tagħha diversament presjeduta tal-20 ta' Novembru 2003 li permezz tiegħu nnominat lill-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u lill-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Michael Debono.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u tal-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Michael Debono li permezz tagħha eċċepew illi:

L-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuta Rita Debono li permezz tagħha eċċepiet illi:

It-talba tal-bank attur inkwantu diretta kontra l-eccipjenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-kunsens tal-eccipjenti ghall-iffirmar tal-kuntratt tal-10 ta' Dicembru 1999 fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa kien vizzjat bi zball, bi vjolenza u bi frodi kif ser jirrizulta fil-kawza '*ad hoc*' li ser tippromwovi l-eccipjenti kontra l-bank attur u l-istess zewgha.

Sussidjarjament u bla pregudizzju, fi kwalunkwe kaz, l-eccipjenti ma tistax tigi kundannata thallas id-debitu pretiz ghaliex il-bank attur agixxa bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 993 tal-Kodici Civili, u ppregudika b'mod irrimedjabbli d-drittijiet tal-eccipjenti.

Minghajr pregudizzju u fi kwalunkwe kaz, l-ammont reklamat taht il-'*loan account*' kif indikat fid-Dok. "C" esebit mac-citazzjoni irid jigi ridott bis-somma ta' tlett elef tlett mija u tlettax-il Lira u disgha u sebghin centezmu (Lm3,313.79) u l-interessi fuq l-istess kont iridu jigu mahduma mill-gdid stante li l-imsemmi ammont gie mhallas lill-bank minn missier l-eccipjenti bil-kundizzjoni espressa li kellu jigi mputat ghall-'*loan account*' kif l-artikolu 1168(1) tal-Kodici Civili jaghti dritt li jsir

u kif *del resto* anke l-artikolu 1171(d) tal-istess Kodici jistipula fil-mankanza ta' imputazzjoni ta' pagament.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta:

It-talba tal-bank attur inkwantu diretta kontra l-eccipjenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-kunsens tal-eccipjenti ghall-iffirmar tal-kuntratt tal-10 ta' Dicembru 1999 fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa kien vizzjat bi zball, bi vjolenza u bi frodi ezercitat sija mill-bank attur u sija mill-konvenut l-iehor zewgha kif ser jirrizulta fil-kawza apposita li ser tippromwovi l-esponenti kontra taghhom.

Sussidjarjament u bla pregudizzju, fi kwalunkwe kaz, l-eccipjenti ma tistax tigi kundannata thallas id-debitu pretiz ghaliex il-bank attur agixxa bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 993 tal-Kodici Civili, u ppregudika b'mod irrimedjabbli d-drittijiet tal-eccipjenti.

Minghajr pregudizzju u fi kwalunkwe kaz, l-ammont reklamat taht il-'*loan account*' kif indikat fid-Dok. "C" esebit mac-citazzjoni irid jigi ridott bis-somma ta' tlett elef tlett mija u tlettax-il Lira u disgha u sebghin centezmu (Lm3,313.79) u l-interessi fuq l-istess kont iridu jigu mahduma mill-gdid stante li l-imsemmi ammont gie mhallas lill-bank minn missier l-eccipjenti bil-kundizzjoni espressa li kellu jigi mputat ghall-'*loan account*' u mhux band'ohra kif ghamel il-bank, u dan skond kif l-artikolu 1168(1) tal-Kodici Civili jaghti dritt li jsir u kif *del resto* anke l-artikolu 1171(d) tal-istess Kodici jistipula fil-mankanza ta' imputazzjoni ta' pagament.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju.

Semgħet xhieda viva voce.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, il-bank attur qiegħed jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti sabiex in solidum bejniethom iħallsuh is-somma ta' Lm17,912.54, illum €41,724.99, konsistenti fil-bilanċ għad-debitu fil-'*loan account*' u l-kont kurrenti, oltre l-imgħax dovut fuq din is-somma.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-konvenut Michael Debono kellu negozju konsistenti fil-ġestjoni ta' restaurant f'San Pawl il-Bahar. Fil-bidu huwa kien imexxi dan ir-restaurant ma ħaddieħor imma peress li dan tal-aħħar kellu problemi finanzjarji, il-konvenut iddeċieda li jkompli fin-negozju waħdu. Sabiex jiġġestixxi r-restaurant, il-konvenut kien jissellef il-flus mingħand il-bank attur. Peress li dak iż-żmien il-konvenuti kienu miżżewġin, kull darba li kien jissellef xi flus għar-restaurant, il-bank kien jorbot ukoll lill-konvenuta tagħmel tajjeb għas-self, in solidum ma żewġha. Il-konvenuta kienet saħansitra ġiet mitluba tirhan polza t'assigurazzjoni bħala garanzija fuq is-self.

Sabiex il-konvenut seta' jibda jmexxi n-negozju waħdu, huwa kellu bżonn jissellef is-somma ta' Lm16,500 mingħand il-bank attur. B'ittra t'aċċettazzjoni datata 18 t'Ottubru 1999, il-bank offra li jislef Lm16,500 li kellhom jiġu utilizzati hekk:

1. Lm9,000 sabiex titħallas il-kera fuq ir-restaurant;
2. Lm3,000 għax-xiri ta' stock u biex isiru xi xogħlijiet fir-restaurant; u
3. Lm4,500 biex jintradd self li kien għamel il-bank lill-konvenut Debono qabel.

Bħala garanzija, il-bank ried li jkollu ipoteka ġenerali, ipoteka speċjali fuq proprjetà parafernali tal-attriċi, li jibqa' fis-seħħ ir-rahan fuq polza t'assikurazzjoni fuq il-ħajja ta' l-attriċi fl-ammont ta' Lm3000 u rahan fuq polza t'assikurazzjoni għal Lm13,000 fuq il-ħajja tal-konvenut. Il-kuntratt ta' self sar fl-10 ta' Diċembru 1999 fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa.

Fir-rigward tar-rahan fuq il-polza t'assigurazzjoni fuq ħajjet il-konvenut, peress li s-soċjetà assikuratriċi spiccat li ma rieditx toħroġ il-polza, jidher li l-bank irrinunzja għat-talba tiegħu. In kwantu li s-soċjeta assikuratriċi kienet bagħtet tinforma lill-

konvenut illi ma kienitx ser toħroġ il-polza wara li sar il-kuntratt ta' self, u saħansitra wara li l-flus ġew mgħoddija lill-konvenuti, attwalment il-bank ftit li xejn kellu għażla ħlief li jirrinunzja għal din il-kundizzjoni. Il-konvenuta tgħid li ma kienitx taf b'dan kollu, għax baqgħet taħseb illi s-self kien sejjer isir bil-kundizzjonijiet stipulati fl-ittra t'aċċettazzjoni tat-18 t'Ottubru 1999.

Il-konvenuta tispjega li hija ma rieditx li tipoteka l-proprjetà parafernali tagħha u ma rieditx tidher fuq il-kuntratt ta' self. Iżżid tgħid li missierha wkoll wissieha biex ma tipotekax ħwejjiġha. Peress li żewġha iżda heddidha li jekk ma tiffirmax jitlaqha u billi kienet tħobbu, u beżgħet illi tassew jitlaqha jekk ma tiffirmax il-kuntratt, peress ukoll li emmnitu meta qalilha li d-dejn iħallsuh għax in-negozju kien imur tajjeb, u kif ukoll billi serrħet moħħha għax dehrilha illi b'rahan tal-polza fuq il-ħajja ta' żewġha għal Lm13,000 kien hemm garanzija biżżejjed għar-radd tas-self, u l-bank għalhekk ma kienx ikollu għalfejn idur fuq ħwejjiġha, il-konvenuta aċċettat u iffirmat il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Clyde la Rosa.

Il-konvenut Debono għamel xi żmien imexxi r-restaurant, iżda lill-konvenuta martu ma kienx jagħtiha sodisfazzjon dwar kif kien miexi n-negozju, u r-relazzjonijiet bejniethom bdew imorru lura. Fil-bidu tal-2001, il-konvenut Debono ħarab minn Malta, u ħalla ħafna djun warajh, fosthom id-dejn mal-bank attur.

Il-konvenuta tgħid illi żewġha u Robert Dimech, il-manager illi approva s-self, kienu qrib sew ta' xulxin tant illi Dimech kien spiss imur jiekol fir-restaurant bla ma jħallas u kien ukoll jaqdi lill-konvenut billi mir-restaurant jieħu miegħu flus u *cheques* li kien jaghtih il-konvenut biex jiddepożitahomlu l-bank u b'hekk jiffrankalu illi jkollu jmur il-bank hu. Il-konvenuta għalhekk timplika illi Dimech kien jaf l-affarijiet ta' żewġha aktar minnha u kien kompliċi miegħu biex lilha jżommha fil-għama.

Hija tkompli billi tgħid li l-bank attur naqas meta approva s-self, għax tgħid illi, fiċ-ċirkostanzi, kien jidher li l-konvenut ma setax iħallas lura s-self, li naqas ukoll meta ma rax illi l-flus mislufa jkunu impjegati skond il-ftehim biex *inter alia* jinqata'

dejn ta' qabel, kif ukoll illi approva s-self mingħajr rahan fuq il-polza t'assigurazzjoni fuq ħajjet il-konvenut.

Sabiex jgħin lil bintu tħallas id-djun li ħalla warajh il-konvenut, Joseph Zammit, missier il-konvenuta, ħa f'idejh it-tmexxija tar-restaurant bil-ħsieb li jaqta' d-djun bil-mod, l-aktar id-dejn mal-bank konvenut sabiex il-bank ma jaħtafx il-proprjetà ta' bintu. Wara li ħallas lill-bank attur aktar minn Lm3,000, Zammit induna li, kontra r-rieda tiegħu, u bi ksur ta' dak li jgħid l-artikolu 1171(d) tal-Kodiċi Ċivili, il-bank kien qiegħed jagħmel imputazzjoni tal-ħlasijiet għal dejn ieħor li ma kienx imħares b'ipotekja fuq il-proprjetà tal-konvenuta. Għalhekk, meta ra illi bil-ħlasijiet li kien qiegħed jagħmel ma kienx qiegħed jeħles il-proprjeta ta' bintu, Zammit waqqaf il-ħlasijiet.

Il-bank imbagħad ipproċeda b'din il-kawża. Rinfaccjata b'domanda ġudizzjarja għall-ħlas, il-konvenuta intavolat kawża kontra l-bank attur u żewġha quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (Rita Debono vs Lombard Bank Malta plc et) għal dikjarazzjoni ta' nullità tal-kuntratt tal-10 ta' Diċembru 1999 u dan għaliex tgħid li l-kunsens tagħha kien vizzjat minħabba żball, vjolenza u frodi. Minkejja li l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tagħha, din id-deċiżjoni ġiet irrevokata u mħassra mill-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza datata 9 ta' Jannar 2009 u minfok ġew miċħuda t-talbiet tal-attriċi, illum il-konvenuta. L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta fil-kawża tal-lum hija għalhekk sorvolata.

Fil-mori ta' din il-kawża immaturat il-polza tal-assigurazzjoni tal-konvenuta, mirhuna favur il-bank attur. Is-soċjetà assikuratriċi ħallset is-somma ta' €12,494.83 dirett lill-bank attur fil-5 ta' Novembru 2009 minn liema ammont tħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji tal-imsemmija kawża Rita Debono vs Lombard Bank Malta plc et li kienu jammontaw għal €5,630.27 u l-bqija l-bank akkredithom akkont tal-imgħax dovut fuq is-somma mislufa lill-konvenuti. Dan kollu ġie spjegat mill-bank attur permezz ta' nota ta' riduzzjoni, liema nota ma ġietx kontestata mill-konvenuti.

Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha, il-konvenuta tgħid illi hija m'għandhiex tiġi kkundannata tħallas id-debitu pretiż għaliex

il-bank attur aġixxa bi ksur tal-artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili u ppreġudika b'mod irrimedjabbli d-drittijiet tagħha.

Jirriżulta għalhekk illi l-konvenuta qiegħda tilmenta minn mala fidi da parti tal-bank attur. L-artikolu 993 tal-Kapitolu 16 jiddisponi hekk:

> *"Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi."*

Huwa magħruf illi l-bona fidi hija preżunta u min jallega l-mala fidi jrid jipprovaha. Il-konvenuta ssejjes l-eċċezzjoni tagħha fuq żewġ binarji: li l-bank approva s-self minkejja li fis-*sanction letter* datata 18 ta' Ottubru 1999 kien talab rahan tal-polza t'assigurazzjoni fuq il-ħajja tal-konvenut, liema polza qatt ma ġiet maħruġa mis-soċjetà assikuratriċi, u li minkejja li s-somma ta' Lm4,500 mis-self kellha tintuża sabiex jintradd lura self li l-bank kien għamel lill-konvenut qabel, għal xi raġuni ma ġarax hekk, u minflok il-konvenut spicca biex nefaq dawn il-flus ukoll.

Il-Qorti tibda billi l-ewwel tikkunsidra l-kwistjoni tal-polza tal-assigurazzjoni. Fl-ewwel lok, ma jirriżultax li huwa minnu dak li tgħid il-konvenuta li din il-polza kienet il-bażi fuqhiex sar il-kuntratt tal-10 ta' Diċembru 1999. F'dan il-kuntratt lanqas biss tissemma l-polza. Il-konvenuta tikkontradixxi lilha nfisha meta l-ewwel tgħid illi ffirmat għas-self u anke aċċettat li tiggarantixxi d-dejn b'ipoteka speċjali fuq il-proprjetà tagħha għaliex żewġha hedded li jitlaqa', u imbagħad tgħid illi hija daħlet għal kuntratt għaliex serrħet rasha bil-polza. Jista' jagħti l-każ li ma kienitx taf illi ma ħarġitx il-polza, imma setgħet faċilment ivverifikat. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti għandha r-riżervi tagħha dwar il-veraċita ta' din id-dikjarazzjoni tal-konvenuta wkoll għaliex il-konvenuta stess irrikonoxxiet li kienet konxja li l-self kien jitħallas bil-flus ta' din il-polza biss f'każ illi jiġi nieqes żewġha. Għalhekk, il-fatt illi l-bank għal xi raġuni ma kompliex jinsisti fuq din il-polza t' assigurazzjoni ma kien tal-ebda konsegwenza għall-konvenuta.

Għar-rigward tal-bank, rappreżentat fin-negozji li waslu għas-self *de quo* minn Robert Dimech, ma ġiex muri li kien hemm xi aġir b'mala fidi. Il-konvenuta lanqas biss ressqet lil Dimech sabiex jixhed f'dawn il-proċeduri. Il-fatt illi ġie deċiż li l-bank jislef il-flus mingħajr din il-polza, ma jfissirx illi l-bank aġixxa b'mala fidi. Kif diġà ntqal, jirriżulta li d-deċiżjoni li ma jinsistix fuq il-polza l-bank ħadha b'idejh marbutin in kwantu li s-self kien laħaq sar meta il-konvenut irċieva notifikazzjoni formali li l-polza ma kienitx ser toħroġ.

Il-Qorti tqis illi huwa opportun li tiċċita s-segwenti bran mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-imsemmija kawża intavolata mill-konvenuta kontra l-bank attur u l-konvenut:

> *"Dak li l-attrici qed tallega f'dawn il-proceduri hi biss skuza biex tipprova tehles minn obbligazzjoni li hi dahlet fiha liberament. Dan jidher ukoll mill-fatt li, fil-verità, il-polza ta' assikurazzjoni fuq il-hajja ta' zewgha ma kellhiex isserhilha rasha, ghax dik il-polza ma kienet tkun ta' ebda utilita` f'kaz li l-business ma jrendix u ma jkunux jistghu jirrifondu l-flus lura lill-bank, kif gara f'dan il-kaz. Hi ma riditx taghti l-proprjeta` taghha bhala garanzija ghax bezghet li jekk il-business imur hazin, il-bank ikun jista' jdur fuq il-proprjetà taghha biex jithallas. Din il-biza' kienet tibqa' reali anke kieku l-bank ha rahan fuq il-polza ta' assikurazzjoni ta' hajjet zewgha! Dan ikompli juri li hi ma qisetx dan ir-rahan bhala determinanti, u iffirmat biss wara t-theddid ta' zewgha li jitlaqa' u l-assikurazzjoni tieghu li ma kellhiex ghalfejn tibza ghax id-dejn jithallas."*

Fit-tieni lok, il-konvenuta tikkontendi li l-mala fidi tal-bank attur joħroġ ukoll mill-fatt illi minkejja li parti mis-self kellu jintuża sabiex jintradd self preċedenti, l-ammont globali ta' Lm16,500 tpoġġa fil-kont tal-konjuġi Debono u l-konvenut nefaq kollox.

Rappreżentanti tal-bank attur ippreżentaw ammont sostanzjali ta' *bank statements* li skont huma juru li s-somma ta' Lm4,500 veru intużat sabiex jingħalqu żewġ kontijiet oħra tal-konjuġi Debono fejn kien hemm debitu bilanċjali favur il-bank ta' madwar Lm4,500. Il-Qorti mhijiex konvinta. L-ebda

rappreżentant tal-bank ma seta' jagħti spjegazzjoni sodisfaċjenti dwar kif fil-25 ta' Jannar 2000 is-somma komplessiva ta' Lm16,500 tqiegħdet fil-kont tal-konvenuti, u l-ebda *bank statement* ma juri li wara din id-data, ingħalaq xi kont permezz ta' parti minn dan is-self. Il-bank attur jipprova jagħti l-impressjoni li s-somma ta' Lm4500 intużat sabiex ingħalqu iż-żewġ kontijiet f'Novembru u Diċembru tal-1999 rispettivament. Madanakollu, dan l-argument ma jreġix għaliex l-istess rappreżentanti tal-bank kif ukoll l-*istatements* esebiti minnhom jikkonfermaw li l-ammont komplessiv misluf lill-konvenuti tqiegħed fil-kont tagħhom f'Jannar ta' wara.

Minkejja li dan jista' jitqies nuqqas minn naha tal-Bank, b'daqshekk ma jfissirx li xi rappreżentant tal-bank aġixxa in mala fidi. Mhuwiex kontestat li l-flus intużaw mill-konvenut. L-iskop għal xhiex intużaw huma irrelevanti u l-konvenuta ma tistax taħrab mill-obbligi kuntrattwali tagħha għaliex il-flus intużaw għal skop u mhux ieħor. Jekk il-flus ma ntużawx għall-iskop li għalihom ġew mislufa mill-bank attur, anke l-konvenuta setgħet u kien imissha ndunat u mhux kellu jgħidilha missierha wara li ħarab żewġha. Li kienet tħalli f'idejn il-konvenut m'hijiex skuża valida għaliex għall-obbligazzjoni daħlet hi ukoll, u kif qed naraw, kellha x'titlef aktar minnu.

B'żieda mal-fatt illi ma kien hemm l-ebda *mala fede* da parti tal-bank attur, il-Qorti żżid tgħid li kien l-istess bank attur li kellu dritt jinsisti fuq il-polza t'assigurazzjoni kif speċifikat fis-*sanction letter*, u li l-flus mislufa jintużaw skont ma kien indikat fl-istess ittra, u mhux bil-kontra. Minn imkien ma jirriżulta li l-bank assuma xi obbligu lejn il-konvenuti f'dan is-sens kif donnha qegħda tippretendi l-konvenuta.

Fis-sottomissjonijiet tagħha l-konvenuta tiddikjara li mhijiex tinsisti fuq it-tielet u l-aħħar eċċezzjoni tagħha u għaldaqstant, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

Sorvolati l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, u fin-nuqqas ta' eċċezzjonijiet da parti tal-konvenut, din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet tal-bank attur kif dedotti b'dan illi l-imgħax għandu jiġi ridott skont ma hemm indikat fin-nota ta' riduzzjoni tal-14 ta' Ottubru 2013.

Spejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti.

IMHALLEF

DEP/REG